# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

### Seduta ta' Nhar l-Erbgha 6 t'April 2016

**Rikors Numru : 102/2014 JPG**

**Kawza Numru : 21**

**Jane Agius bil-karta tal-identita' numru 92774(M), Joseph Agius bil-karta tal-identita' numru 232640(M), Antoinette Naeli Agius bil-karta tal-identita' numru 452100(L), Julie Muscat bil-karta tal-identita' numru 452000(L) u Julian Agius bil-karta tal-identita' numru 121085(M)**

**VS**

**In-Nutar Pierre Falzon**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Jane Agius et tal-5 ta' Frar 2014 li jaqra hekk:

1. *"ILLI r-rikorrenti huma kredituri tal-intimat fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf erba'mija u wiehed u hamsin Ewro (€24,451) rapprezentanti somma ta' taxxi u bollol imhallsa lilu wara kuntratt ta' donazzjoni ta' proprjeta' immobbli maghmul minn missier ir-rikorrenti lir-rikorrenti, liema kuntratt ma giex registrat u liema taxxi ma thallsux u inzammu mill-intimat;*

2. *ILLI ghalkemm interpellat ghal hlas ta' tali ammont l-intimat baqa' inadempjenti;*

3. *ILLl jezistu l-elementi kollha rikjesti mil-ligi a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikoli 167 sa 170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza bid-dispensa tas-smiegh taghha, billi d-dejn fuq imsemmi huwa cert, likwidu u skadut u billi safejn jafu r-rikorrenti, l-intimta m'ghandu ebda eccezzjoni xi jressaq kontra t-talba ghall-hlas tal-imsemmi ammont;*

***Ghaldaqstant r-rikorrenti jitolbu umilment illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

1. *Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba attrici bid-dispensa tas-smiegh ai termini tal-Artikolu 167 et seq tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tiddikjara li l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta' erbgha u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u hamsin Ewro (€24,451), dovuti minnu bhala rifuzjoni ta' flus avvanzati lilu kif fuq spjegat;*

3. *Tikkundanna lil intimat sabiex ihallas lir-rikorrent s-somma fis-somma erbgha u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u hamsin Ewro (€24,451), imghaxijiet sad-data tal-hlas effettiv*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ipprezentata kontra l-intimat u bl-imghaxijiet legali dekorribbli kontra l-intimat ingunt in subizzjoni."*

Rat id-digriet ta' din il-Qorti tal-12 ta' Frar 2014 fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-Erbgha 5 ta' Marzu 2014;

Rat illi ir-rikors promotorju, digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi,

Rat ir-risposta tan-Nutar Pierre Falzon tad-29 ta' Jannar 2015 (a fol. 18) li taqra hekk:

*1. "Illi jekk dak allegat minn l-atturi huwa minnu t-talbiet mressqa minnhom huma insostenibbli u inkompatibbli ma l-istess ghaliex jekk jezisti obbligu ta' pagament da parti ta' l-intimat dan ma huwiex dovut lill-atturi izda lill-Gvern ta' Malta ghaliex il-pagament reklamat huwa allegatament rapprezentanti bolol u taxxi u kwindi l-azzjoni mressqa minnhom ma kienetx proponibbli minn naha taghhom;*

*2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent ghamel dak kollu rikjest minnu mill-ligi sabiex jigi nsinwat il-kuntratt mertu tal-kawza u ghalhekk huwa ma ghandux iwiegeb ghal nuqqasijiet ta' haddiehor;*

*3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, jispetta lill-atturi jgibu prova ta' dak allegat minnhom u invista tal-fatt li fil-rikors promutur, la hemm indikazzjoni tad-data tal-kuntratt allegat u wisq inqas hemm indikazzjoni ta' meta allegatament ghaddew is-somma mitluba lill-esponent, l-istess esponent qieghed jirriserva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri galadarba l-att promutur huwa nieqes mid-dettalji necessarji sabiex jiddefendi ruhu adekwament mit-talbiet attrici.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li huma minn issa ngunti in subizzjoni"*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tan-Nutar Pierre Falzon tad-29 ta' Jannar 2015, (a fol. 20);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota guramentata tan-Nutar Pierre Falzon tat-2 ta' Marzu 2016 li permezz taghha ammetta t-talbiet attrici;

Rat id-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat l-affidavit ta' Jane Agius, a fol 25, fejn hija xehdet illi wara li kienet inbdiet din il-kawza, ir-rikorrenti kienu qablu illi jaghtu cans lill-intimat jirregistra l-kuntratt u jhallas it-taxxi marbuta mieghu sal-ahhar ta' Ottubru 2014 izda dan baqa' ma sarx. Xehdet ukoll illi peress li l-intimat ma kienx irregistra l-causa mortis ta' ommhom ir-rikorrenti qieghdin jehlu hafna penali u interessi intortament. Din ix-xhieda qatt ma giet kontradetta u ghalhekk din il-Qorti m'ghandha l-ebda raguni sabiex tiddubita illi din tirraprezenta l-istat ta' fatt ta' bejn il-partijiet, Kopja tal-iskrittura ta' transazzjoni giet ezebita mir-rikorrenti u tinsab a fol 37 tal-process. Ir-rikorrenti ezebew wkoll ricerki maghmulin mar-Registru Pubbliku, li juru li sa Mejju 2015 l-intimat kien ghandu ma rregistrax id-donazzjoni in kwistjoni.

Fix-xhieda tieghu a fol 119 et seq. l-intimat ikkonferma li l-causa mortis ma saritx, u lanqas ma gie rregistrat il-kuntratt ta' donazzjoni. Spjega illi biex ikun jista jigi insinwat il-kuntratt jehtieg illi n-Nutar tal-Gvern jaghmel rikors quddiem it-Tribunal tar-Revizjoni Notarili sabiex jigi awtorizzat jirregistra l-kuntratt. Qal ukoll illi minhabba li hemm *freezing order* kontra tieghu, dan ir-rikors ma jistax isir sakemm ma johrogx il-flus xi hadd iehor.

In vista tan-nota ta' ammissjoni guramentat prezentata mill-intimat a Fol 125, il-Qorti tqis illi t-talbiet tar-rikorrenti huma fondati u ghandhom jigu milqugha.

Fin-nota ta' amissjoni tieghu l-intimat talab sabiex jinghata zmien ghar-ripagamenti tas-somma dovuta. In vista tal-fatt illi dawn il-flus ilhom li gew imhallsin lill-intimat mis-sena 2010 u illi r-rikorrenti qieghdin jehlu penali minhabba n-nuqqas ta' registrazzjoni tal-causa mortis, il-Qorti tqis illi ma jkunx gust ghar-rikorrenti li l-Qorti tikkoncedi zmien lill-intimat ghal hlas tal-ammont dovut minnu.

**Ikkonsidrat:**

Rigward l-imghax, il-Qorti taghraf illi skont l-insenjament tal-Qorti tal-Appell il-fatt li l-attur jinterpella lill-konvenut gudizzjarjament ghal hlas ta' somma determinata u

specifika *"jibbasta biex l-ammont reklamat jibda jattratta l-interessi ("**O'Connor – vs- Bruno Olivier**" a Vol XVI pI p 84). ""*[1]

Jidher pero illi r-rikorrenti jew m'ghamlux il-procedura tal-pubblikazzjoni sabiex jinnotifikaw ir-rikors guramentat jew ma ezebewx kopja ta' tali notifika. Ghalhekk huwa mpossibli ghal din il-Qorti illi tiddetermina id-data ezatta ta' meta l-intimat gie notifikat bir-rikors promotur tar-rikorrenti.

Cioe' nonostante, l-Qorti rat is-sentenza fl-ismijiet **Antoinette Vella vs Kummissarju tal-Artijiet et** deciza mill-Qorti tal-Appell fit-13 ta' Lulju 2001 fejn gie ritenut illi:

> *"Jekk mill-atti jkun jirrizulta illi l-persuna notifikanda kienet attwalment irceviet l-att u kienet ipprocediet biex tikkontestah permezz ta' risposta skond il-ligi, l-att tan-notifika nnifsu isir ghall-fini tal-process ghal kollox irrilevanti. Dan propjru ghaliex il-prezentata tar-risposta tkun tekwivali u kellha tigi interpretata bhala dikjarazzjoni tal-parti li tkun qed taghti ruhha b'notifika bl-att. (…) Kwalunkwe nuqqas jew difett fil-process tan-notifika isir f'dawk ic-cirkostanzi irrilevanti."*

Fil-kaz in ezami, l-intimat kien deher quddiem din il-Qorti ghal ewwel darba fil-15 ta' Mejju 2014, fejn il-Qorti giet informata illi l-partijiet kienu qed jesploraw il-possibilita ta' transazzjoni u li fin-nuqqas l-intimat kien ser jipprezenta l-eccezzjonijiet tieghu skont il-ligi. Il-Qorti tqis ghalhekk illi minn dik il-gurnata, l-intimat ghandu jitqies li kien notifikat bl-interpelazzjoni gudizzjarja tar-rikorrenti, u ghalhekk l-imghax ghandu jibda jiddekorri mill-15 ta' Mejju 2014.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-intimat, tastieni milli tiehu konjizzjoni tal-ewwel talba in vista ta' attentat ta' transazzjoni bejn il-partijiet, tilqa' t-tieni u t-tielet talba tar-rikorrenti u konsegwentement tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma ta'

---

[1] **Fogg Insurance Angies Limited noe vs Paul Tabone**, Qorti tal-Appell Civili (Sede Nferjuri) Appell numru 1012/1999 (17 ta' Frar 2003).

erbgha u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u hamsin Ewro (**€24,451**), u tordna lill-intimat sabiex ihallas lir-rikorrent s-somma fis-somma erbgha u ghoxrin elf erba' mija u wiehed u hamsin Ewro (**€24,451**), bl-imghax dekorribbli mill-**15 ta' Mejju 2014** sad-data al-pagament effettiv.

Bl-ispejjez kontra l-inimat.

**Moqrija.**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**